



# Il-kwalità tal-ħajja fl-Ewropa: Inugwaljanzi soċjali

## Sommarju eżekuttiv

### Daħla

Dan ir-rapport juża dejta mill-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja (EQLS) biex jeżamina inugwaljanzi soċjali fil-kwalità tal-ħajja fl-Unjoni Ewropea. Huma eżaminati erba' oqsma kritiċi tal-ħajja: is-saħħa, standard tal-għajxien, attivitajiet produttivi u ta' valur u l-ħajja individwali, familjari u soċjali. Varjazzjoni f'dawn l-erba' oqsma titkejjel skont il-ġeneru, l-età, l-istat ta' diżabilità, l-istat tal-impjeggi u l-istat taċ-ċittadinanza. Huwa diskuss ukoll ir-rwol ta' motivaturi oħrajn importanti tal-inugwaljanzi soċjali bħall-istat ta' edukazzjoni, il-grupp okkupazzjonali, l-urbanizzazzjoni, il-prodott domestiku gross (PDG) per capita, id-dħul finanzjarju, ir-reġim ta' welfare u s-sistema ta' kura tas-saħħa. Ir-riżultati tat-tielet EQLS (2011) jitqabblu ma' daww tat-tieni EQLS (2007) biex ikun eżaminat l-impatt tal-kriżi ekonomika fuq l-inugwaljanzi soċjali u fuq l-iżvantaġġi li jinħassu minn sottogrupperi tal-popolazzjoni fl-Ewropa.

### Kuntest ta' politika

L-oġġettivi tal-koeżjoni soċjali u t-tkabbir inklussiv huma ċentrali għall-aġenda Ewropa 2020. Il-Kummissjoni Ewropea fl-inizjattiva tagħha Lil Hinn mill-PDG għamlet sejħa għall-iżvilupp ta' indikaturi ġodda li jolqtu l-aspetti multidimensjonali ta' benessri u għal rapportar aktar preċiż dwar l-inugwaljanzi. It-tħassib dwar l-inugwaljanzi soċjali huwa rifless f'firxa ta' politiki Ewropej, bħall-istrateġija għall-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa 2010–2015, l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010–2020 u r-riżoluzzjoni tal-2011 tal-Parlament dwar l-inugwaljanzi fis-saħħa.

### Sejbiet ewlenin

#### Saħħa

- In-nisa, l-anzjani u nies qiegħda nstab li kienu żvantaġġati tul firxa ta' indikaturi tas-saħħa. Nies li jirrapportaw problema ta' saħħa fiżika jew mentali, mard jew diżabilità li jillimitawhom u li jkunu ilhom

hemm (aktar 'l isfel imsejħa 'kondizzjoni ta' diżabilità jew ta' saħħa li tillimita') x'aktarx li jgħaddu minn aktar diffikultajiet biex jiksbu kura tas-saħħa.

- Kondizzjoni ta' diżabilità jew ta' saħħa li tillimita, età anzjana u qgħad kellhom impatt negattiv fuq is-saħħa ġenerali kif irrapportat minn persuni nfishom. Tiċħid materjali, dħul finanzjarju baxx, ksib ta' livell baxx ta' edukazzjoni, akkomodazzjoni ta' kwalità inferjuri u diffikultajiet biex tinkiseb il-kura tas-saħħa kienu fatturi oħra importanti.
- Il-proporzjon tal-popolazzjoni tas-27 Stat Membru tal-UE li rrapportat saħħa ġenerali ħażina kif kienet tqisha hi żdied bejn l-2007 u l-2011. Iż-żieda fil-proporzjon ta' żgħażaġh li s-saħħa mentali tagħhom tinsab f'riskju tissuġġerixxi li l-effetti li għamlu l-ħsara minħabba l-kriżi jistgħu jolqtu s-saħħa u l-benessri tagħhom.

#### Standard ta' għajxien

- Persuni b'kondizzjoni ta' diżabilità jew ta' saħħa li tillimitahom, anzjani, nies qiegħda u ċittadini mhux tal-UE x'aktarx li kienu jirrapportaw aktar tiċħid materjali.
- Persuna li jkollha dħul finanzjarju baxx, li tkun fi grupp okkupazzjonali mhux professjonali jew manaġerjali u li tkun kisbet livell baxx ta' edukazzjoni tkun assoċjata ma' tiċħid materjali akbar, bħalma huma r-romol u daww li jkunu neqsin minn sostenn soċjali. Il-PDG nazjonali u t-tip ta' reġim ta' welfare kienu importanti wkoll.
- Il-proporzjon tal-popolazzjoni tal-UE li ħassitha miċħuda materjalment żdied bejn l-2007 u l-2011, b'żidiet 'il fuq mill-medja fost persuni b'kondizzjoni ta' diżabilità jew ta' saħħa li tillimitahom, nies qiegħda fit-tul u persuni fl-età bejn il-50 u l-64 sena.

- Proporzjonijiet għoljin ta' persuni li jieħdu kura fit-tul ħassew diffikultajiet bis-servizzi li ngħataw.
- Kien iddikjarat li kien hemm diffikultajiet ta' spejjeż u ta' kwalità għall-kura tat-tfal fost dawk li kienu qiegħda.

#### Attivitajiet produttivi u ta' valur

- Attivitajiet informali ta' kura kienu għandhom qed isiru l-aktar min-nisa.
- Anzjani u persuni b'kondizzjoni ta' diżabilità jew ta' saħħa taw kontribuzzjoni soċjali kbira billi pprovdew kura informali fl-Ewropa.
- Dawk li b'mod informali taw kura lil nies anzjani li kellhom 65 sena jew aktar jew li kellhom kondizzjoni ta' diżabilità jew ta' saħħa li tillimitahom kienu sikwit jagħmlu attivitajiet ta' kura għal 20 siegħa jew aktar fil-ġimgħa.

#### Ħajja individwali, familjari u soċjali

- Persuni b'kondizzjoni ta' diżabilità jew ta' saħħa li tillimitahom u li jkunu qiegħda kienu jitqiesu bħala żvantaġġati fir-rigward ta' awtonomija, trattament b'dinjità u rispett, sostenn soċjali u inklużjoni soċjali. Età aktar avvanzata kienet fattur ta' riskju minħabba nuqqas ta' sostenn soċjali, bid-differenzi l-aktar li jispikkaw kienu għal persuni ta' 81 sena jew aktar. Età avvanzata nstabat li kienet fattur ta' riskju għall-esklużjoni soċjali fi 12-il pajjiż tal-UE. Ċittadini mhux tal-UE x'aktarx li rrapportaw li kienu jħossuhom ittrattati aktar b'nuqqas ta' dinjità u rispett u li kienu jqisu lilhom infushom bħala esklużi soċjalment.
- Il-faqar, ksib ta' livell baxx ta' edukazzjoni u xogħol mhux professjonali jew maniġerjali kienu assoċjati ma' esklużjoni soċjali akbar, bħalma kienu saħħa ħażina, nies romol u nuqqas ta' sostenn soċjali kif irrapportati min-nies stess.

## Indikaturi ta' politika

Tħassib dwar l-aspetti multidimensjonali ta' benessri jeħtieġ li jkun akkoppjat ma' azzjoni pubblika effikaċi biex ikunu indirizzati inugwaljanzi soċjali. Azzjoni pubblika m'għandhiex tkun ristretta għal miżuri speċifiċi fil-marġini, iżda x'aktarx għandha tkun integrata fil-politiki ġenerali fil-livelli Ewropej u tal-Istati Membri. B'baġits taħt pressjoni f'ħafna Stati Membri, valutazzjonijiet tal-impatt tal-ugwaljanza jstgħu jgħinu jiżguraw li l-piż tal-aġġustament ma jaqax b'mod disproporzjonat fuq dawk li huma diġà l-aktar żvantaġġati.

## Saħħa

Strateġiji multidimensjonali li jindirizzaw dak li jiddetermina soċjalment saħħa ħażina, inkluża akkomodazzjoni ta' kwalità baxxa, faqar u ksib ta' livell baxx ta' edukazzjoni, għandhom ikunu adottati. B'qgħad għoli f'xi Stati Membri, jeħtieġ ikun hemm politiki li jikkonċentraw fuq saħħa mentali ħażina ta' nies qiegħda. Hija meħtieġa azzjoni speċifika biex ikunu indirizzati d-differenzi fl-istat ta' saħħa ta' nies b'kondizzjoni ta' diżabilità jew ta' saħħa li tillimitahom, anzjani u nies qiegħda, u biex jiġu ttrattati diffikultajiet minħabba spejjeż għas-saħħa fost dawk b'kondizzjoni ta' diżabilità jew ta' saħħa li tillimitahom.

## Standard ta' għajxien

Għandhom jiġu intensifikati sforzi biex it-tħassib dwar l-ugwaljanza jitqiegħed b'mod sempliċi f'oqfsa ta' politiki biex jitnaqqas il-faqar sal-2020. Flimkien maċ-ċentralizzazzjoni tal-ġeneru u d-diżabilità, huwa neċessarju li jkunu indirizzati l-ħtiġijiet ta' nies qiegħda fit-tul. Il-politiki għandhom jirrikonoxxu li qgħad li jdum fih innifsu huwa ostaklu ewlieni għax-xogħol. Kura tat-tfal ta' kwalità għolja li tkun teżisti u li tkun tista' tinkiseb minn gruppi żvantaġġati tgħin biex jitneħħa t-tfixkil għal-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol. Rati ta' kwalità baxxa għal kura fit-tul jindikaw falliment ta' politika; assigurazzjoni soċjali tipprovi jekk jista' jkun mudell wieħed għall-għoti ġust ta' kura.

## Attivitajiet produttivi u ta' valur

Huma meħtieġa oqfsa ta' politika pubblika li jgħożżu, jirrikonoxxu u jsostnu l-kontribuzzjoni ta' dawk li jagħtu kura bla ħlas, inklużi nisa, dawk b'kondizzjoni ta' diżabilità jew ta' saħħa li tillimitahom u anzjani. Il-ħtiġijiet li ma jitħarsux ta' dawk li jagħtu kura b'mod informali għandhom ikunu evalwati formalment, filwaqt li għandhom jitwessgħu għażliet sustantivi disponibbli għan-nisa biex jiġu rrikonċiljati l-kura u l-impjeg.

## Ħajja individwali, familjari u soċjali

Huma meħtieġa oqfsa ta' politika pubblika li jindirizzaw inugwaljanzi soċjali b'rabta ma' nuqqas ta' sostenn soċjali fi żminijiet ta' kriżi personali. Dawn għandhom jiġbru flimkien il-ħtiġijiet u s-sitwazzjonijiet tal-anzjani, l-aktar ta' dawk li għandhom 81 sena jew aktar; dawk li jagħtu kura b'mod informali lill-anzjani; romol nisa u rġiel; dawk qiegħda; u ċittadini mhux tal-UE.

### Aktar informazzjoni

Ir-rapport 'Il-kwalità tal-ħajja fl-Ewropa: Inugwaljanzi soċjali' jista' jinsab f'<http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1362.htm>.

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil Hans Dubois, uffiċjal tar-riċerka, f'[Hans.Dubois@eurofound.europa.eu](mailto:Hans.Dubois@eurofound.europa.eu).